MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2015

Numru. 110/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Richard Attard**
**Rafaella Attard**

Numru: 110/2011

Illum 14 ta' Jannar 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra

**Richard Attard**, ta'wiehed u hamsin (51) sena, iben Joseph u Sperenza neé Galea, imwieled Ghajnsielem, Ghawdex, nhar l-14 ta' Novembru 1959, residenti fil-fond Ta' Maruzz, Triq il-Firilla, Ghajnsielem, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 64659(G)

u

**Rafaella Attard**, ta' erbghin (40) sena, bint Joseph u Maria Assunta neé Grima, imwielda Rabat, Ghawdex, nhar it-12 ta' Marzu 1971, residenti fil-fond Comet House, Triq l-Imgarr, Xewkija, Ghawdex u detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 10671(G)

akkuzati talli matul is-sena 2009 u fis-snin ta' qabel gewwa diversi postijiet f'dawn il-Gzejjer ta' Malta, f'hinjiet differenti:

1. ghamlu falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' taghmel hsara lil xi persuni jew iggib utli, kif ukoll ghamlu uzu mill-istess skrittura (Artikolu 187(1)(2) tal-Kapitolu 9);

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi xjentement ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat (Artikolu 189 tal-Kapitolu 9).

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tikkundanna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 111) datata 3 ta' Jannar 2013 li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigi ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) fl-Artikoli 17, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikoli 187(1), 187(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tad-9 ta' Jannar 2013 (*a fol.* 112), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-3 ta' Jannar 2013 (*a fol.* 111), f'liema seduta l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2013 (*a fol.* 112), il-kawza giet differita ghas-seduta tat-30 ta' April 2013 ghall-provi tad-difiza.

Semghet ix-xiehda moghtija mill-imputati minn jeddhom u b'mod volontarju.

Rat illi fil-verbal tas-seduta 18 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 151 *et seq.*) il-Qorti kkoncediet zmien lill-Prosekuzzjoni u lill-*parte civile* sabiex jipprezentaw Nota ta' Osservazzjonijiet sat-18 ta' Awwissu 2014 bil-visto tal-konsulenti legali tad-difiza li jkollhom zmien sal-20 ta' Ottubru 2014 sabiex jipprezentaw in-Nota responsiva taghhom.

Rat illi, fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 160 *et seq.*), il-Prosekuzzjoni rrimettiet il-pozizzjoni taghha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

Rat illi baqghet ma giet pprezentata l-ebda Nota ta' Osservazzjonijiet mill-*parte civile* u li, fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2014, il-Prosekuzzjoni u d-difiza nfurmaw lill-Qorti li l-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Frar 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Frank Anthony Tabone** (*a fol.* 18 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu ta' kwerela li kien rcieva f'Awwissu 2009 liema kwerela kienet inkitbet ghan-nom ta' Joseph u Speranza Attard. Ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "FT 1" sa "FT 5" (*a fol.* 20 *et seq.*). Jixhed li meta kellem lill-imputata dwar jekk kienitx taf bl-iskrittura mmarkata bhala Dok. "FT 2" (*a fol.* 21)[1], jghid li

[1] Dan huwa l-istess dokument bhal Dok. "FT 5" (*a fol.* 27).

l-imputata qaltlu li kienet taf biha u qaltlu wkoll li kienet sabitha ma' xi karti fid-dar tal-imputat. Jghid li l-imputata kkonfermat mieghu li din l-iskrittura ma kienitx ghamlitha hi. Jghid li meta kellem lill-imputat, l-imputat cahad li kellu x'jaqsam mal-iskrittura u li kkonfermalu li hu ma kien raha qatt.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tat-30 ta' April 2013 (*a fol.* 115 *et seq.*), jghid li ha ftit taz-zmien sakemm intavola l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputati, u dana wara li kien ircieva kwerela f'Awwissu 2009, peress li ma kienx irrizultalu ta' min kienu l-firem li kien hemm fl-iskrittura in kwistjoni u kien wara li kompliet tinsisti l-konsulent legali tal-kwerelanti li pprezenta l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputati. Jghid li l-original tal-iskrittura qatt ma giet mghoddija lilu u li din qatt ma nstabet.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2012, xehdet ukoll **Speranza Attard** (*a fol.* 32 *et seq.*) fejn bdiet billi qalet illi l-imputat huwa binha. Ikkonfermat li kienet marret l-Ghassa tal-Pulizija bi kwerela biex jittiehdu passi kriminali kontra l-imputata. Tispjega li bintha Rebecca Xuereb giet moghtija karta (*ossia* skrittura) minn Antoinette Cauchi u li hi (Speranza Attard) qatt ma kienet ffirmat din il-karta. Tikkonferma li dan kien Dok. "FT 2" (*a fol.* 21) u qalet li fiha hemm firma li hija taghha pero mhux hi ghamlitha. Tghid li din l-iskrittura qatt ma kienet giet f'idejha qabel. Tispjega li kienet sellfet xi flus lill-imputati biex ikunu jistghu jixtru *maisonette* u li l-imputati kellhom ihallsu lura fi zmien stipulat fl-gheluq ta' liema zmien kien ghadu ma sar l-ebda hlas lura. Tghid li anke hut l-imputat ghenu f'dan is-self u kienu ghadhom ma thallsu xejn lura. Tispjega li l-imputati issa huma separati.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tas-26 ta' Novembri 2013 (*a fol.* 133 *et seq.*), taqbel li l-flus gew mislufa liz-zewg imputati. Kompliet issostni li minkejja dak li kkonkluda Dr. Martin Bajada fir-rapport tieghu (*Vide* aktar l-isfel), hija ma ffirmatx din l-iskrittura

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2012, xehed ukoll **Joseph Attard** (*a fol.* 40 *et seq.*) fejn beda billi qal li huwa missier l-imputat. Meta gie muri Dok. "FT 5" (*a fol.* 27)[2] jghid li din l-iskrittura ma jafx biha. Jghid ukoll li din l-iskrittura qatt ma giet f'idejh. Mistoqsi jghid ta' min huma l-firem li hemm fuq l-iskrittura, jghid li ma jafx. Jghid li huwa qatt ma ffirma Dok. "FT 5" (*a fol.* 27). Jixhed li sar xi self ta' flus lill-imputati u li dan is-self sar minnu u minn martu u minn hut l-imputat. Jghid li l-flus li gew mislufa baqghu ma thallsux lura.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tat-30 ta' April 2013 (*a fol.* 119 *et seq.*), jghid li huwa qatt ma ra Dok. "FT 2" (*a fol.* 21) u jghid ukoll li huwa jiffirma bhal wahda mill-firem li tidher fuq dan id-dokument.

---

[2] Dan huwa l-istess dokument bhal Dok. "FT 2" (*a fol.* 21).

In <u>ri-ezami</u> jghid li huwa qatt ma ffirma Dok. "FT 2" (*a fol.* 21).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2012, xehdet **Rebecca Xuereb** (*a fol.* 59 *et seq.*) fejn qalet li l-imputat huwa huha u li fis-sena 2000 kienet sellfet xi flus lill-imputati, u li anke huha iehor u l-genituri taghhom sellfu xi flus lill-istess imputati u li dan is-self sar sabiex l-imputati jkunu jistghu jixtru post. Tghid li l-flus kellhom jingabru lura wara hames snin pero sar xi tigdid taz-zmien. Tispjega li wara xi zmien, fis-sena 2009, iltaqghet mal-imputata u qaltilha li riedet il-flus u li l-imputata qalitlha li kienet hallset il-flus lill-ommha (lil omm Rebecca Xuereb) u wrietha skrittura. Tghid li meta marret ghand ommha u wrietha dawn l-iskrittura, ommha qaltilha li l-firma li kien hemm fuqha ma kienitx ghamlitha hi. Giet murija Dok. "FT 2" (*a fol.* 21) u qalet li tahseb li din kienet l-iskrittura in kwistjoni. Tghid li dan kollu nqala' minn meta huha u l-imputata sseparaw.

In <u>kontro-ezami</u> tichad li rceviet il-flus li hija selfet. Tghid li l-iskrittura in kwistjoni giet moghtija lil Antoinette Cauchi go *envelope* maghluq u Antoinette Cauchi tatha lilha (lil Rebecca Xuereb). Tghid li l-imputata damet xi tlitt ijiem biex tibghatilha. Tghid li hija (Rebecca Xuereb) tigi z-zija ta' Antoinette Cauchi.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2012, xehdet **Antoinette Cauchi** (*a fol.* 74 *et seq.*) fejn qalet li l-imputat jigi zijuha u li l-imputata kienet il-mara tieghu. Tghid li madwar tlitt snin qabel, l-imputata kienet ghaddietilha *envelope* maghluq sabiex tkun tista' tghaddieh liz-zija taghha Rebecca Xuereb. Tghid li kien wara li saret taf x'kien fih l-*envelope*.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2012, xehed **Dr. Martin Bajada** (*a fol.* 90 *et seq.*) in ottemperanza tal-inkarigu moghti lilu fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 51) fejn qal: *"mill-analizi komparattiv bejn il-firem ta' Speranza Attard u Joseph Attard fuq Dok. "FT 5" li hija skrittura privata datata tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn (2000) mal-kampjun tal-firem li jien stess hadt li huma li jinsabu f'Dok. "MB 1" u Dok. "MB 2", l-evidenza hija tali sal-grad tal-probabbli li l-firem fuq Dok. "FT 5" huma ta' Joseph Attard u Speranza Attard. Jien minn kwalunkwe analizi komparattiv tal-firem fuq Dok. "FT 5" qatt ma jista' jwassal ghal rizultat minghajr ebda dubju imma biss ghal rizultat sal-grad tal-probabbli ghas-segwenti ragunijiet: illi peress illi l-firem fuq dawn id-dokumeni huma photocopies allura qatt ma jsir, qatt ma jista' jsir analizi fuq il-pressure points, u t-tieni nett ma jistax jigi eskluz illi dawn il-firem gew superimposti fuq dak id-dokument minn xi dokument iehor originali"* (*a fol.* 90). Ix-xhud ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "MB 1" (*a fol.* 92 *et seq*).

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2014, xehdet **Rafaella Attard (llum Axiaq)** (*a fol.* 144 *et seq.*) fejn bdiet billi kkonfermat dak li qalet lill-Ufficjal Prosekutur fiz-zewg stqarrijiet rilaxxati minnha (Dok. "FT

3" (*a fol.* 22 *et seq.*) u Dok. "FT 4" (*a fol.* 25 *et seq.*). Murija Dok. "FT 2" (*a fol.* 21) tghid li m'ghandhiex firem taghha fuq din l-iskrittura.

In kontro-ezami tghid li l-kopja ta' Dok."FT 2" (*a fol.* 21) kienet fil-*file* tal-imputat u haditha hi wara li kienet qaltlu biha. Tghid li kien hemm zmien fis-sena 2000 meta l-imputat kellu incident u kienet taghmel kollox hi peress li l-imputat spicca *bed-ridden*. Tghid li kien hemm istanza fejn oht l-imputat bdiet issemmielha l-flus li kienu selfuhom u hi (l-imputata) wrietha l-iskrittura li kienet sabet. Tghid li din l-iskrittura ghaddietha lil Antoinette Cauchi li kellha tghaddieha lil Rebecca Xuereb. Ghad-domanda: *"Jigifieri inti meta ghamilt photocopy taghha mhux minn fuq l-original. Kellek fil-file kien hemm wahda bhal din"*, wiegbet: *"Ma nafx kif kienet. Bhal dik kienet"* (*a fol.* 148). Mistoqsija tghid jekk il-firma kienitx bil-kulur blu, wiegbet: *"Ma tajtx kaz. Jien ghamilt il-karta. Pero jien dejjem hekk kelli"* (*a fol.* 148).

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2014, xehed **Richard Attard** (*a fol.* 153 *et seq.*) fejn beda billi qal li huwa iben il-kwerelanti. Jghid li fis-sena 2000 kellu incident gravi minhabba liema incident ma kienx f'pozizzjoni li jaqra u jikteb. Gie muri Dok. "FT 5" (*a fol.* 27) u qal li huwa qatt ma kien ra dan l-iskrittura u jghid li ma jafx biha. Jghid li fuq din l-iskrittura jidhru l-firem tal-genituri tieghu pero ma jafx min ghamel dawk il-firem. Jghid li hu ma ghamilx dawk il-firem. Ikkonferma li kien sar xi self ta' flus mll-genituri tieghu u minn hutu.

In kontro-ezami jaqbel li wara l-incident li semma kien jiffirma b'salib ghax ma kienx jikteb sewwa. Jichad li qabel sehh l-incident in kwistjoni huwa kien izomm il-karti li kellhom x'jaqsmu mal-post. Mistoqsi jghid fejn kienu jinzammu l-karti, jghid li kollox kien ghand martu l-imputata u li issa huma separati.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "FT 3" – *a fol.* 22 *et seq.*) rilaxxata mill-imputata lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata fi zmien meta ma kienx ghadu jezisti d-dritt li persuna tikkonsulta ma' avukat ta' fiducja taghha qabel tittiehdilha stqarrija, l-imputata qalet affarijiet fuq l-istess linji li tat id-depozzjoni taghha quddiem il-Qorti.

Illi, fl-istqarrija (Dok. "FT 4" – *a fol.* 25 *et seq.*) rilaxxata mill-imputata lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputata nghatat d-dritt li tikkonsulta ma' avukat u hija hadet dan id-dritt, mistoqsija tghid jekk l-imputat kienx qalilha li I kien jaf bl-iskrittura in kwistjoni, wiegbet fl-affermattiv. Mistoqsija tghid fejn jinsab l-original tal-iskrittura, tghid: *"Jiena li nista' nghid illi l-ircevuta li ghandi jiena, li kont urejt lil Richard qieghda ghand missieri maqfula f'safe. Pero ma nafx*

*nghidlek jekk hijiex l-originali"* (*a fol.* 26). Mistoqsija tghid jekk l-imputat u hi ghamlux din l-iskrittura flimkien u ffalsifikawx l-iskrittura flimkien, wiegbet: *"Ma ghamiltiex jien"* (*a fol.* 26). Mistoqsija jekk din l-iskrittura ghamilhiex l-imputat u hi kienet taf li kien ghamel hekk, u cioé li kienet falza, wiegbet: *"Jien ma nafx kif sieret, il-bqija ma nafx x'gara. Jien kif ghidtlek dik kont sibtha u mort dritt fejn Richard biha biex nara x'inhi"* (*a fol.* 26).

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza odjern iz-zewg imputati qeghdin jigu akkuzati li ghamlu falsifikazzjoni ta' dokument jew ghamlu uzu minnu, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. "FT 2" (*a fol.* 21)[3].

Illi l-Qorti semghet kif il-genituri tal-imputat Richard Attard u hutu selfu somma ta' flus lill-imputat Richard Attard u lill-martu l-imputata meta kienu ghadhom flimkien. Fl-iskrittura li qieghda tigi kontestata f'dawn il-proceduri jinghad li Joseph Attard u Speranza Attard, cioé il-genituri tal-imputat Richard Attard, ircevew ammont ta' flus minn ghand l-imputati liema ammont kien dovut lilhom mill-imputati minhabba s-self li kien sar u liema skrittura tkompli tghid li l-ebda pagament iehor m'hu dovut lilhom mill-imputati.

Illi l-Qorti semghet lil Joseph Attard u lil Speranza Attard jixhdu quddiemha li l-iskrittura in kwistjoni qatt ma giet iffirmata minnhom.

Illi l-Qorti tinnota li f'kaz li kellu jigi pruvat li verament l-imputati ffalsifikaw l-iskrittura imsemmija, permezz tal-kawza odjerna l-imputati ma kienux ser jigu kkundannati jhallsu xi ammonti dovuti minnhom in segwitu tas-self li kien gie moghti lilhom. L-ghan dirett tal-kawza odjerna huwa li jigi determinat jekk l-iskrittura in kwistjoni gietx falsifikata jew le. Qieghed jinghad dan peress li tul is-smiegh tal-provi, il-Qorti hadet l-impressjoni li l-persuni li kienu selfu l-flus lill-imputati kienu qeghdin jahsbu li bil-kawza odjerna l-Qorti kienet ser tordna lill-imputati jhallsu xi ammonti allegatament dovuti minnhom.

Illi, da parti taghhom, l-imputati jichdu li huma ffirmaw l-iskrittura in kwistjoni.

**Ikkunsidrat**

[3] Dan huwa l-istess dokument bhal Dok. "FT 5" (*a fol.* 27).

Illi Dr. Martin Bajada fir-rapport tieghu (Dok. "MB 1" – *a fol.* 92 *et seq.*) jasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

> "Illi, mill-analizi komparattiv bejn il-firem ta' Speranza Attard u Joseph Attard fuq Dok. "FT 5" (skrittura privata 30 ta' Jannar 2000) mal-kampjun tal-firem ta' l-istess Speranza Attard u Joseph Attard fuq Dok. "MB 1" u Dok. "MB 2" l-evidenza hija tali li **sal-grad tal-probabbli** l-firem fuq Dok. "FT 5" huma ta' Joseph Attard u Speranza Attard.
>
> Illi, **kwalunkwe analizi komparativi tal-firem fuq id-dokument Dok. "FT 5" qatt ma jista' jwassal ghar-rizultat minghajr ebda dubju imma biss ghar-rizultat sal-grad tal-probabbli u dan ghas-segwenti:**
>
> 1. Peress li l-firem ta' Joseph Attard u Speranza Attard mhux originali imma fotokopji u ghaldaqstant analisi fuq l-karatteristici (*traits*) ta' punti ta' pressjoni (*pressure points*) mhux possibbli;
>
> 2. Wiehed qatt ma jista' jeskludi li dawn il-firem gew superimposti fuq l-fotokopja tal-iskrittura privata u dan minn firem originali ta' Joseph Attard u Speranza Attard li jinsabu fuq xi dokument iehor".

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont tal-konkluzjonijiet raggunti minn Dr. Martin Bajada fir-rapport tieghu u tenut kont ta' dak li gie mismugh minn din il-Qorti u li gie prodott in succint hawn fuq, il-Qorti bl-ebda mod ma jirrizultalha li xi hadd mill-imputati jista' jinstab hati ta' xi ksur ta' xi Artikolu tal-Ligi li gie ndikat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputati ser jigu liberati mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputati Richard Attard u Rafaella Attard hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u b'hekk tilliberhom minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------